MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF
FRANCO DEPASQUALE**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2003

Appell Civili Numru. 1421/1994/1

**L-Avukat Dottor Max Ganado bhala mandatarju
Specjali ghan-nom u in rappresentanza tal-assenti
Stylianos sive Styl Prokidis**

**vs**

**Avukat Dottor Kevin F. Dingli bhala mandatarju
Specjali tal-assenti Konstantinos Kostopoulos
In rappresentanza tal-istess**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI

1. Dan hu appell li qieghed isir mis-segwenti sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-ewwel grad fis-17 ta' Novembru

1995. Din is-sentenza sejra tigi riprodotta fl-intier taghha, billi barra l-konkluzjoni decizjonali taghha, fiha t-talba tal-attur, l-eccezzjonijiet tal-konvenut, kif ukoll l-iter pjuttost travolt li wassal ghall-istess sentenza. Din taqra hekk:

"Il-Qorti,

Ikkunsidrat il-fatti antecedenti ghal din is-sentenza.

Ic-citazzjoni li gietipprezentata fl-20 ta' Ottubru 1995, tirrigwarda Mandat ta' Inibizzjoni numru 2818/94 fl-ismijiet "Avukat Kevin Dingli nomine vs Dottor Joseph Bonnici et nomine" li kien inhareg fuq talba tal-konvenut kontra l-attur, biex dana jigi inibit milli jezercita l-poteri tieghu bhala Diretturi fis-socjeta` *Glovegold Shipping Limited*.

L-attur jilmenta li minkejja li gew nominati kuraturi f'dawn l-atti biex jirrapprezentawh, huwa la gie notifikat bil-bandi u lanqas ma rcieva ebda komunika mill-kuraturi nominati.

Il-konvenut kien innotifika biss lill-Avukat Dr. Tonio Fenech, li ghar-ragunijiet ben saputi minnu, ma kienx persuna idoneja ghall-finijiet tal-artikolu 931(2) tal-Kap. 12. Kienu invece persuni idoneji l-avukati Dr Max Ganado, Stefan Frendo u Louis Cassar Pullicino. Dan il-konvenut kien jafu.

Rizultat ta' dan l-attur ma setax jikkontesta dawk il-proceduri. Infatti sar jaf biss bihom wara li inghata d-digriet ta' Inibizzjoni wara li dan kien gie notifikat fl-ufficcju registrat tas-socjeta` fuq imsemmija, fit-30 ta' Ottubru 1994, meta fil-fatt kien gia` gie moghti fis-7 ta' Ottubru, 1994.

Apparti minn dan, peress illi fir-rikors promotur ma sar ebda accenn ghal xi haga jew agir da parti tal-attur, li setghet tirreka hsara jew pregudizzju lill-istess konvenut, ghalhekk ma gewx sodisfatti r-rekwiziti kollha tal-artikolu 873 et sequitur tal-Kapitolu 12.

Id-digriet allura kien null u bla effett u kellu jigi mhassar u revokat 'contrario imperio' minn dina l-Qorti.

Gie pprezentat rikors ghas-smiegh bl-urgenza u l-Qorti wara li kienet semghet lill-partijiet fl-1 ta' Novembru, 1995 akkordat l-urgenza u appuntat il-kawza ghas-smiegh ghat-22 ta' Novembru, 1995.

F'din is-seduta l-partijiet qablu wkoll li din il-kawza setghet timxi kontestwalment mal-kawza citazzjoni numru 1116/94NA.

Fin-nota tal-eccezzjonijiet ipprezentati mill-konvenut fit-2 ta' Novembru 1995, jichad it-talbiet attrici ghal dawn l-erba' ragunijiet:

1. L-avukat Dr Tonio Fenech kien habib sew ta' Stylionos sive Styl Prokidis, u ghalhekk kien persuna idoneja skond il-ligi u l-artikolu 931 Kapitolu 12.

2. Ir-rekwiziti tal-Artikolu 873 et sequitur Kapitolu 12 gew segwiti.

3. Nuqqas ta' notifika tal-bandu lil persuna idonea, ma ggibx maghha l-konsegwenza tan-nullita` tad-digriet tas-7 ta' Ottubru, 1994.

4. Din il-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni biex tezamina d-diskrezzjoni ezercitata minn dina l-istess Qorti kif diversament presjeduta fil-proceduri li waslu ghall-ghoti tad-digriet fuq imsemmi.

Fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu, l-konvenut jaghti ragunijiet aktar dettaljati il-ghala Dr Fenech kien skond hu, persuna idonea.

Jghid ukoll, li fil-hrug ta' Mandati Kawtelatorji ma hemm ebda dritt ta' smiegh.

Fis-seduta tat-22 ta' Novembru, 1994 fost affarijiet ohra gie verbalizzat is-segwenti:

"Il-partijiet jaqblu li minkejja li l-urgenza giet milqugha fic-citazzjoni numru 1421/94NA, u f'din il-kawza inghata digriet li z-zewg kawzi cioe` 1421/94NA u dik 1116/94NA

ghandhom jinstemghu kontestwalment, il-kawza ta' fuq il-meritu <u>li minnha jiddependi l-ezitu taz-zewg kawzi hija dik 1116/94NA</u> li fiha ghandhom jinstemghu il-provi u li ghaliha ghandu jinfetah volum separat". (Is-sottolinear huwa tal-Qorti).

Kienet din il-parti tal-verbal li setghet zvijat lill-Qorti fis-sentenza li eventwalment giet moghtija.

Hu minnu pero`, li wkoll f'din is-seduta il-konvenut nomine ghamilha cara li b'daqshekk huwa ma kienx sejjer jirrinunzja ghall-eccezzjoni tieghu ghall-gurisdizzjoni ta' dina l-Qorti.

Il-Qorti, infatti, wara li rat l-artikolu 173 tal-kapitolu 12 iddecidiet li dina l-eccezzjoni ghandha tigi determinata fis-sentenza finali.

Jinghad minn issa li dana ma sarx.

Wara li nstemghu l-provi, saru noti ta' ossevazzjonijiet mill-partijiet rispettivi u gew ittrattati il-parti legali u fattwali, il-kawza giet deciza fit-30 ta' Mejju, 1995. Il-parti deliberattiva tas-sentenza hekk tghid:

"Ikkunsidrat:

Illi l-meritu ta' din il-kawza jiddependi direttament mill-ezitu fuq il-meritu tal-kawza numru 1116/94NA fl-ismijiet inversi, stante li dina l-kawza hija kawza fejn qed tintalab ir-revoka ta' Mandat ta' Inibizzjoni fejn l-attur proprio Stylionos sive Styl Prokidis gie inibit milli jkompli jagixxi bhala Direttur tas-socjeta` *Glovegold Shipping Limited*, mentri l-kawza fl-ismijiet inversi, il-meritu taghha huwa biex huwa finalment jitnehha minn direttur ta' din l-istess kumpanija.

U ghalhekk il-partijiet qablu b'verbali li saru sew f'din il-kawza, sew f'din il-kawza fuq imsemmija, li l-meritu tal-kawza l-ohra tinpingi fuq din il-kawza, u li l-provi migbura fil-kawza l-ohra ghandhom jghoddu ghal din il-kawza.

Din il-kawza l-ohra giet deciza llum stess u f'dik il-kawza il-Qorti iddecidiet li kien hemm ragunijiet sufficjenti biex Stylianos sive Styl Prokidis jitnehha minn Direttur tas-socjeta` *Glovegold Shipping Limited*.

Il-meritu ghalhekk ta' din ic-citazzjoni, jigix revokat jew le l-mandat huwa ferm sekondarju u ghandu importanza biss ghall-kap ta' l-ispejjez.

Dwar il-kap ta' l-ispejjez, jirrizulta li dak li qeghdin isostnu l-atturi nomine fic-citazzjoni dwar kif saru l-proceduri tan-notifika bil-bandu lil Dottor Fenech, u d-dati f'liema saru dawn il-proceduri huma fil-fatt korretti u dan jirrizulta sew mill-atti processwali sew mix-xhieda moghtija.

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Il-Qorti waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici stante li l-meritu taghhom huwa illum ezawrit, tiddeciedi li l-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom ikunu a karigu tal-konvenut nomine".

B'rikorsipprezentat fit-2 ta' Gunju 1995, l-attur attira l-attenzjoni tal-Qorti li din is-sentenza kienet iddecidiet biss il-kap ta' l-ispejjez u mhux it-talbiet kollha attrici u ghalhekk a bazi tal-artikolu 235 tal-Kapitolu 12 talab lill-Qorti terga' tezamina l-istess talbiet biex dawna jigu decizi.

B'digriet ta' l-20 ta' Gunju, 1995, il-Qorti laqghet din it-talba, ordnat li jergghu jigu mharrkin il-partijiet u appuntat il-kawza ghall-finali trattazzjoni ghall-14 ta' Lulju, 1995.

Ghal xi zmien intilef il-process pero` minkejja dan xi punti gew trattati fis-seduta tal-21 ta' Lulju, 1995.

Sussegwentement wara malintiz bejn il-Qorti u l-avukati rispettivi, b'rikors konjuntiv tas-17 ta' Awissu 1995, l-avukati talbu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza minghajr in-necessita` ta' trattazzjoni verbali aktar profonda.

**KONSIDERAZZJONIJIET DWAR IL-MERITU**

1) Fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu il-konvenut isostni fuq il-validita` tal-proceduri li saru skond l-Artikolu 931 sub-artikolu (2), Kapitolu 12 bin-notifika lill-Avukat Dottor Tonio Fenech.

Issostni wkoll li l-principju ta' gustizzja naturali ta' l-'audi et alteram partem' ma ghandux applikazzjoni fil-kamp tal-Mandati Kawtelatorji u li, pero`, in ogni caso, dan id-dritt ma giex miksur fil-konfront ta' l-attur li kien rapprezentat bi professjonalita` mill-kuraturi appuntati mill-Qorti.

Dwar dan, fin-nota tieghu, l-attur jirribatti illi l-kelma 'habib' imsemmija mill-ligi ma setghet qatt kienet tinkludi lill-Avukat Dottor Tonio Fenech li kien idddikjara li ma riedx jinvolvi ruhu fil-kwistjonijiet bejn il-partijiet.

Kienu invece 'hbieb' it-tlett avukati li qabbad l-attur, partikolarment l-Avukat Max Ganado li kellu prokura tieghu. Il-konvenut kien jaf ben tajjeb li din kienet il-pozizzjoni attwali, meta agixxa bir-rikors ghal hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni.

Din il-Qorti trid l-ewwel tissolleva dak li ma gie sollevat minn ebda wahda mill-partijiet, u cioe` li l-hatra tal-kuraturi ghan-nom tal-assenti hija diskrezzjoni tal-Qorti u mhux ta' xi wahda mill-partijiet (Artikolu 929 Kapitolu 12) li tista` anke tirrifjuta li tappunta il-qraba jew hbieb li jkunu gew notifikati bil-bandu (Artikolu 934 Kapitolu 12).

Dan ghandu ghalhekk iqieghed dina l-kwisjtoni, fi propettivi ohra fil-konfront ta' dak li kien sar minn dina il-Qorti, fil-hatra tal-kuraturi ta' l-elenku.

Minkejja dan pero`, il-ligi tinhtieg (u jidher li hawn ma hemmx diskrezzjoni) skond l-artikolu 939 li l-bandi jigu notifikati lil certu persuni.

Hekk, infatti jipprovdi is-subartikolu (2) ta' dan l-Artikolu.

"Kopja ta' dawn il-bandi ghandha tigi notifikata lil wiehed mill-eqreb qraba tal-persuna li ghandu jkollha kuratur li

jidher ghaliha jew li ghall-wirt taghha tintalab il-hatra ta' kuratur, u jekk ebda qarib ma jkun maghruf, dina l-kopja ghandha tigi notifikata lil xi hadd iehor maghruf li hu jew li kien habib tal-persuna li ghandha interess".

Hu ovvju li dak li l-ligi ghandha fi hsiebha huwa li dawn il-bandi jigu notifikati lil xi persuna li tkun tista` tavza lill-assenti bihom.

Huwa wkoll indikattiv, li l-ligi ma tikkwalifikax il-kelma 'habib'. Ma tghidx, bhal fil-kaz tal-qraba, li ghandu jkun 'l-eqreb' habib jew l-iktar wiehed 'ghaziz'. Ghall-kuntrarju tghid li jista' anke jkun persuna li 'kien habib'.

Dana huwa ovvju ghax fil-kwistjoni ta' hbiberija, il-kriterju huwa wiehed soggettiv u mhux wiehed oggettiv kif inhu fil-kaz tal-qraba.

Il-Qorti ghalhekk trid biss tezamina jekk l-avukat Dottor Tonio Fenech kellux fi zmien tal-prezentata tar-rikors din il-kwalifika fil-konfront tal-attur.

Hekk xehed l-istess Avukat Dr Tonio Fenech fis-seduta tat-22 ta' Novembru 1994 bil-lingwa Ingliza:

"*I confirm that the office which I am a partner in is the Registered Office of Glovegold Shipping Limited. As the registered office of this company we perform the following functions"*.

U aktar tard:

*"I am not sure of the precise date, but I do know that at one point in time, there was a conflict between the two directors involved. We offered our services in so far as providing information as to what the legal position would be in such a conflict. However we refrained from actually advising any of the directors because this would have caused a conflict of interest with the previous services which we were performing"*.

U forsi l-aktar relevanti:

*“I am not in a postion to state whether a similar written declaration had been sent to Mr Kostopolous, the other party involved in the disputes. But I am sure that he was verbally informed, and I am also sure that both parties had accepted our position”* .

Minn dina ix-xhieda jirrizultaw dawn il-punti saljenti.

1. L-ufficcju ta’ l-avukat Fenech huma l-Avukati tas-socjeta` in kwistjoni li l-*‘beneficial owners’* taghha huma z-zewg kontendenti.

2. Minhabba dan ix-xoghol huma kienu avzaw lill-partijiet li ma kienux pronti biex jirrapprezentaw xi wahda minnhom, fil-proceduri gudizzjarji li ssuspettaw li kienu sejrin jibdew.

3. Huwa pero` taw informazzjoni dwar dan il-konflitt legali; u

4. Minkejja li l-partijiet kienu jafu b’din il-posizzjoni tal-ufficcju tal-avukat Fenech, huwa ma kienx zgur jekk kienx kiteb lill-konvenut f’dan is-sens.

Irid pero` jinghad li rrizulta bhala fatt li kien l-istess Dottor Fenech li kien avza lill-attur bil-hrug tad-digriet tal-Mandat ta’ Inibizzjoni.

Dawn ic-cirkostanzi jwasslu lill-Qorti li tiddeciedi li l-istess Dr Tonio Fenech kien persuna idonea biex jigi notifikat bil-bandi fiz-zmien li gie notifikat.

Il-Qorti tasal ghal dawn il-konkluzjonijiet konsiderati wkoll cirkostanzi ohra fattwali: il-prokura maghmulha mill-attur favur l-avukati Max Ganado, Louis Cassar Pullicino, u Stefan Frendo iggib id-data tat-8 ta’ Novembru 1993 (Dok B fol. 20).

Huma agixxew f’din il-kariga bi proceduri gudizzjarji kontra l-konvenut wara dik id-data (fol. 21 et sequitur).

Minkejja ghalhekk, illi l-Qorti tikkonsidra illi l-avukat Fenech kien persuna sufficjentement idonea ghall-finijiet ta' l-artikolu fuq kwotat, u dan anke kieku l-konvenut kien jaf bil-prokura favur l-avukati ta' l-attur, anke dana l-fatt ma jirrizultax sufficjentement provat. Jirrizulta illi fid-data tan-notifika tal-bandi l-konvenut kien jaf illi l-avukat Fenech ma kienx sejjer jippatrocinja lil ebda wahda mill-partijiet, pero` ma jirrizultax li huwa kien jaf bil-preciz, kienx hemm persuni aktar idoneji u min setghu kienu dawn il-persuni.

Dan kollu ghandu jinghad minkejja is-sentenza fuq kwotata tat-30 ta' Mejju, 1995 ghax l-ezami aktar akkurat iwassal lill-Qorti ghal din il-konkluzzjoni.

2) Nonostante dik li jsostni l-attur fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu, il-Qorti jidhrilha li ghandha tikkommenta dwar jekk l-istess attur kienx pregudikat f'dawk il-proceduri bin-nuqqas ta' smiegh xieraq, u dana apparti mill-fatt li is-smiegh fil-mandati ta' Inibizzjoni ma huwiex rekwizit tal-ligi.

Hekk xehed l-avukat Dr Joseph Bonnici kuratur ex ufficcio:

*"I was duly notified with an application for a warrant of prohibitory injunction which was duly signed by Dr Kevin Dingli. The ruling judge had ordered that I file a reply within a few days. I duly filed my reply. Subsequently Dr Kevin Dingli filed another application to amend and correct his previous one, and I was duly notified with it and I filed my reply"*

U aktar tard

*"When I received the first application I immediately saw that it was not an ordinary application since it involved a ship locally registered, several companies and there were several serious allegations being made by the principals of Doctor Kevin Dingli against the person who I was representing.*

*Due to the very few days I was given, I could not possibly contact either Dr Dingli to ask the wherabout of this foreign person, then I had to do the job that I usually do and I filed a very detailed reply to his application".*

Jirrizuta mill-istess xhieda li meta hu ircieva c-citazzjoni, hu rrisponda ghal din ic-citazzjoni bin-nota ta' l-eccezzjonijiet u mbaghad ghamel kuntatt ma' l-assenti.

F'dan iz-zmien ghamel komunika mieghu Dr Cassar Pullicino biex jinformah li huma kienu ser jiehdu hsieb il-prosegwiment tal-kaz.

3) Dina x-xhieda ta' l-avukat Dottor Joseph Bonnici hija wkoll marginalment relevanti ghall-kwistjoni li baqa` biex tigi determinata li hija x'funzjoni ghandu jkollha dina l-Qorti, waqt li qed tezamina citazzjoni proposta biex Mandat ta' Inibizzjoni kawtelatorju jigi revokat.

Is-soluzzjoni ta' dina l-kwistjoni taffettwa sew it-talba atrici li l-artikoli 873 et sequitur ma gewx applikati minn dina l-Qorti kif diversament persjeduta, sew l-eccezzjoni tal-konvenut dwar il-gurisdizzjoni ta' dina l-Qorti.

Sussegwentement ghall-hrug ta' kwalunkwe mandat kawtelatorju, il-parti li fuq talba taghha jkun hareg il-mandat ghandha l-obbligu li fi zmien stabbilit, tipprezenta l-pretenzjonijiet taghha permezz tac-citazzjoni. Il-parti l-ohra wkoll ghandha dritt li tipprocedi b'citazzjoni ghar-revoka ta' dan il-mandat, u dan apparti mill-emendi recenti li saru ghall-Kapitolu 12 tal-Ligijiet taghna.

Apparti minn dan hemm il-principju generali li kwalunkwe mandat kawtelatorju jinhareg bir-responsabilita` ta' min qed jitolbu.

F'dan il-kaz pero`, skartat il-meritu tal-pretenzjonijiet ta' parti jew l-ohra li jistghu jwasslu ghal konferma jew revoka tal-mandat in kwistjoni, jista' wkoll jigi attakkat il-mod kif ikun inhareg il-mandat mil-lat procedurali jekk jirrizulta xi nuqqas jew irregolarita` fl-istess.

Ezaminat il-proceduri f’dan il-kaz partikolari, dan ma jirrizultax.

Ma tistax pero` f’dawn il-proceduri mill-banda l-ohra, tigi sindikata d-diskrezzjoni ta’ l-Imhallef sedenti li ‘prima facie’ kien deherlu li kien sodisfatt li l-mandat kien mehtieg ghall-protezzjoni tal-jeddijiet tar-rikorrent.

L-unika gudizzju possibbli fil-kamp kawtelatorju huwa dak tal-gudikant, li f’dak il-hin u f’dawk ic-cirkostanzi deherlu li l-Mandat kellu jinhareg.

Ghal dawn ir-ragunijiet hawn fuq moghtija, it-talbiet attrici qeghdin jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.”

2. Ta’ min jirreleva li l-Qorti ta’ l-ewwel grad kienet ippronunzjat sentenza ohra fit-30 ta’ Mejju 1995 f’dawn l-istess atti, kif jirrizulta mis-sentenza appena riprodotta hawn. Kien appella minnha l-attur Prokidis izda l-appell relattiv fic-ceduta tas-seduta tal-14 ta’ Jannar 1998 (kif jirrizulta minn fol. 202 tal-process).

3. L-appell odjern sar mill-attur Prokidis fil-5 ta’ Dicembru 1995 u r-rikors relattiv jinsab a fol. 175 tal-Process. Bih qed jitlob li din il-Qorti:
“joghgobha tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili gia` Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet premessi fis-17 ta’ Novembru 1995 ghalkemm fis-sentenza appellata hija indikata erronjament li nghatat fl-14 ta’ Novembru 1995 u f’kaz li tilqa` l-eccezzjoni dwar in-nullita` tas-sentenza appellata sollevata f’dan l-appell, terga’ tibghat l-atti ta’ din il-kawza quddiem l-ewwel Qorti sabiex it-talbiet attrici jigu decizi skond il-ligi u dan bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat nomine jew fin-nuqqas tirrevoka u tannulla l-istess sentenza hawn fuq indikata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant nomine”.

4. L-appellat Kostopoulos, fir-risposta dettaljatissima tieghu talab li din il-Qorti joghgobha tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata li hija gusta.

## I. KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

5. L-odjerna kawza instemghet kontestwalment ma' kawza ohra Numru 1116/94 fl-ismijiet inversi li giet deciza illum stess. Din is-sentenza ikkonfermat sentenza tal-ewwel Qorti li *inter alia*, iddikjarat lill-appellant odjern li m'ghadux jikkwalifika bhala direttur tas-socjeta` *Glovegold Shipping Limited* u ghalhekk nehhietu minn din il-kariga u inibietu milli direttament jew indirettament ikompli jezercita l-poteri ta' direttur jew milli jkompli jirrapprezenta guridikament l-istess socjeta`. Dik il-kawza saret kontestwalment ma' talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra Prokidis, liema mandat gie milqugh mill-Qorti tal-Kummerc fis-7 ta' Ottubru 1994. Il-mandat relattiv igib in-numru 2818/94 u sar wara li l-Qorti innominat kuraturi *ex ufficio* billi, Dottor Tonio Fenech, li gie notifikat bil-bandu ma accettax l-inkarigu u ma informax lil Prokidis jew lill-Avukat tieghu bl-istess Bandu ghan-nomina ta' kuraturi.

6. F'din il-kawza l-appellanti qieghed jimpunja bhala nulli l-procedura u d-digriet relattiv li bihom gie ordnat l-imsemmi mandat ta' inibizzjoni.

7. Evidentement bhala meritu, l-appellant illum jinstab effetivament inibit milli jkun jew jagixxi ta' direttur tal-kumpannija in kwistjoni anke bis-sahha tas-sentenza fil-kawza 1116/94 li ssemmiet. Jidher li s-sentenza fl-odjerna kawza (1421/94) li inghatat fit-30 ta' Mejju 1995, qatghet ghad-dritt u bla ebda ezami approfondit tal-provi tat id-decizjoni li tat. L-appellant ma kienx kuntent b'din is-sentenza u b'rikors talab li l-meritu jigi deciz – haga li l-ewwel Qorti ghamlet – sfortunatament b'ezitu kompletament spavorevoli ghall-appellant – bis-sentenza tas-17 ta' Novembru 1995 meritu ta' l-appell odjerni.

8. Din il-Qorti fliet bir-reqqa il-provi migbura fil-process – ghaliex bazikament l-appellant ma qabilx dwar l-apprezzament tal-provi li ghamlet il-Qorti ta' l-ewwel grad. Pero`, din il-Qorti jidhrilha li dak l-apprezzament certament ma fih xejn ta' sustanza li jista' tavolta/javalla xi tezi li l-

ewwel Qorti irrikorriet f'xi zball gravi fl-apprezzament tal-provi b'mod li din il-Qorti ghandha tintervjeni billi tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti. Mhux hekk biss, anzi, din il-Qorti trid tirregistra li fis-sustanza hija tikkondividi l-valutazzjoni u l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti. Fuq dan il-punt biss, ukoll, hemm lok li l-appell jigi michud.

9. Ghalkemm il-Qorti tista' tieqaf hawn, hija sejra tipprofondixxi ftit iehor il-hsieb taghha. L-appellant jillamenta li fit-tieni sentenza (dik tas-17 ta' Novembru, 1995) l-ewwel Qorti ma jmisshiex akkollat il-kap ta' l-ispejjez lill-Prokidis la darba hija, fl-ewwel sentenza (dik tat-30 ta' Mejju 1995) digia` kienet ippronunzjat ruhha diversament fuq il-kap ta' l-ispejjez. Din il-Qorti hija xi ftit jew wisq perplessa bil-mod kif mexxiet l-ewwel Qorti. Evidentement, fl-ewwel sentenza taghha dik il-Qorti, kif inghad digia`, qatghet ghad-dritt u bla ma dahlet fil-meritu b'mod pjuttost approfondit, qabdet u ddecidiet il-kap ta' l-ispejjez b'mod ftit jew wisq approssimattiv. Pero`, la darba l-appellant talab lil dik il-Qorti li tiddeciedi l-meritu, u la darba dik il-Qorti laqghet it-talba u effettivament iddecidiet il-meritu, jidher li waslet ghall-konkluzjoni diversa mid-decizjoni pecedenti, billi abbraccjat kompletament it-tezi tal-konvenut appellat. Kien ikun kontrosens kieku <u>f'dik is-sentenza</u> hija kellha tiddeciedi li takkolla l-kap tal-ispejjez lir-rebbieh – billi dan kien imur kontra kull sens ta' gustizzja u kontra l-artikolu 223(1) tal-Kap. 12 li jghid hekk:
"Kull sentenza definittiva ghandha tikkundanna lit-tellief ghall-ispejjez".

10. L-appellant jillamenta dwar li l-konvenut appellat ghazel li jinnotifika l-bandu lil Dottor Tonio Fenech minflok lil Dottor Max Ganado. Il-Qorti ezaminat akkuratament il-provi li ressqu l-partijiet u fliet sewwa l-argumenti li gabu l-kontendenti biex isostnu r-rispettivi tezijiet taghhom u waslet ghall-konkluzjoni – bhal l-ewwel Qorti – li l-appellat ma inkorra fl-ebda nullita` meta ghazel li jinnotifika l-bandu lil Dottor Fenech. Li kieku dan ta' l-ahhar semplicement avza lil Prokidis jew lill-Avukat Max Ganado bil-bandu li kien ircieva, kieku x'aktarx din il-kawza ma kienetx issir.

Din il-Qorti issib l-ispjega li ta Dottor Dingli bhala wahda verosimili u ghalhekk certament ma tarax li hemm lok li tilqa' l-appell odjern.

11. Ghal dawn il-motivi: Tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata tas-17 ta' Novembru 1995 – bl-ispejjez ta' dina l-istanza a karigu tal-appellant Prokidis.

--------------------------------TMIEM--------------------------------